

RAPPORT ANNWALI 2013

Sommarju Eżekuttiv (MT)

Sommarju Eżekuttiv

Sommarju Eżekuttiv

Fl-2013, l-EIOPA kompliet tiżviluppa r-rwol u l-profil tagħha fi ħdan ix-xena superviżorja Ewropea. Ir-Rapport Annwali tal-2013 jistabbilixxi l-kisbiet ewlenin tal-Awtorità fl-ilħuq tal-oġġettivi strateġiċi tagħha: il-protezzjoni tal-konsumatur imtejba; l-iżvilupp ta' regolamenti sodi; is-superviżjoni mtejba; u l-identifikazzjoni f'waqtha u l-ġestjoni tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, il-ħidma tal-Awtorità biex tiżgura l-effiċjenza u l-effettività tikkostitwixxi l-bażi tal-operazzjoni tagħha.



L-iżgurar tat-trasparenza, is-semplikità, l-aċċessibiltà u l-ġustizzja għall-konsumaturi fis-suq intern

Il-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi tibqa' waħda mill-oġġla prijoritajiet tal-EIOPA. Matul l-2013, l-Awtorità pprovdiet l-appoġġ, il-gwida u ċ-ċarezza fil-kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.

Ir-rimedju effettiv bħala rispons għal ilment validu minn konsumatur huwa fundamentali fil-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom. Sabiex jiġi żgurat li l-intermedjarji tal-assigurazzjoni jkollhom l-arranġamenti xierqa fis-seħħ f'każ li tinqala' tilwima ma' konsumatur, l-EIOPA pprovdiet linji gwida dwar il-ġestjoni tal-ilmenti.

Is-superviżjoni konverġenti u effettiva tas-suq tippreżenta wkoll opportunitajiet sabiex titjeb il-protezzjoni tal-konsumatur. L-EIOPA pprovdiet Opinjonijiet dwar l-Assigurazzjoni tal-Protezzjoni tal-Pagamenti (PPI) u l-Protezzjoni tal-Assigurazzjoni tal-Benefiċjarji. Ġew ipprovduti wkoll Prattiki Superviżorji tajbin, li jkopru r-rekwiżiti tal-għarfien u l-kapaċità għad-distributori tal-prodotti tal-assigurazzjoni, is-siti tal-internet għat-tqabbil, l-istandards tat-taħriġ fl-industrija, u l-provvediment tal-informazzjoni lill-membri tal-iskemi ta' pensjonijiet li għandhom kontribuzzjoni definita.

Nuqqas ġenerali ta' edukazzjoni finanzjarja jista' jwassal sabiex il-konsumaturi ma jirċevux l-aħjar prodotti jew servizzi għaċ-ċirkustanzi tagħhom. Sabiex tiġi ttrattata din il-kwistjoni persistenti, l-EIOPA ħolqot "Spazju għall-Konsumatur" fuq is-sit tagħha. Il-Konsumaturi jistgħu jsibu informazzjoni biex tgħinlihom jifhemu aħjar il-prodotti kumplessi, jitgħallmu kif jagħżlu l-prodott l-aktar xieraq għall-bżonnijiet tagħhom u jsiru familjari mal-passi differenti li għandhom isegwu jekk ikollhom bżonn jagħmlu ilment.

Il-Presidenza tal-EIOPA tal-Kumitat Konġunt fl-2013 ipprovdiet opportunità biex tibqa' tissaħħaħ l-fokus tagħha fuq il-protezzjoni tal-konsumatur. F'koordinazzjoni mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) l-oħrajn, l-EIOPA organizzat l-ewwel Ġurnata Konġunta tal-Protezzjoni tal-Konsumatur, li pprovdiet forum biex jiġu diskussi kwistjonijiet transsettorjali importanti dwar il-konsumatur.

It-tmexxija tal-iżvilupp ta' regolamenti sodi u prudenti li jappoġġjaw lis-suq intern tal-UE

Ħafna mill-ħidma tal-EIOPA fuq l-iżvilupp tar-regolamenti tiffoka fuq l-applikazzjoni tas-Solvenza II. Fl-2013, l-EIOPA appoġġjat id-diskussjonijiet bejn tliet partijiet li fl-aħħar ikkonkludew bi ftehim dwar id-data tal-applikazzjoni tagħha (l-1 ta' Jannar 2016). L-EIOPA kkontribwiet għas-suċċess ta' dawn id-diskussjonijiet billi ppreżentat ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Garanziji fuq Żmien Twil. Dan ir-rapport wassal sett ta' miżuri potenzjali mmirati lejn l-iżgurar tat-ttrattament superviżorju xieraq tal-prodotti ta' garanzija fuq żmien twil f'kundizzjonijiet tas-

suq volatili u eċċezzjonali. L-EIOPA ppubblikat ukoll is-sejbiet tagħha dwar jekk il-kalibrazzjoni u d-diżinn tar-rekwiżiti regolatorji tal-kapital għall-investimenti fit-tul f'ċertu klassijiet ta' assi taħt ir-reġim previst tas-Solvenza II jeħtiġux xi aġġustament jew tnaqqis fil-kundizzjonijiet ekonomiċi attwali mingħajr ma titpoġġa f'riskju n-natura prudenzjali tar-reġim. Il-valutazzjoni superviżorja indipendenti tal-EIOPA hija prudenzjalment soda u tirrappreżenta bażi affidabbli għal deċiżjoni politika infurmata.

Sabiex tiġi żgurata preparazzjoni konsistenti u konverġenti għall-qafas tas-Solvenza II, l-EIOPA għamlet ukoll xogħol proattiv, billi wasslet erba' linji gwida preparatorji li jiffukaw fuq oqsma ewlenin li jeħtiġ li jkunu lesti sal-1 ta' Jannar 2016.

L-EIOPA saret aktar attiva fil-qasam tal-pensjonijiet, u fl-2013 abbużat l-ewwel standard tekniku ta' implimentazzjoni li ffoka fuq ir-rappurtar tad-dispożizzjonijiet prudenzjali. Saret ukoll l-ewwel konsultazzjoni tal-EIOPA dwar il-pensjonijiet provviżorji li ġabret l-opinjoni dwar bosta kwistjonijiet qabel ma l-Kummissjoni ngħatat parir dwar l-istabbiliment ta' suq uniku tal-UE għall-pensjonijiet personali.

Fl-2013, l-EIOPA kkonkludiet l-ewwel Studju tal-Impatt Kwantitattiv (QIS) tagħha fil-qasam tal-pensjonijiet tax-xogħol. Peress li huwa l-ewwel studju tax-xorta tiegħu, l-istudju eżamina l-pożizzjoni finanzjarja tal-fondi ta' pensjoni fl-Istati Membri differenti fl-Ewropa b'mod komparabbli u trasparenti, u wera d-diverġenza eżistenti fil-pożizzjonijiet finanzjarji meta jintużaw miżuri Ewropej lokali u komuni. Ir-risultati tal-QIS isaħħu l-ħtieġa li titkompla l-ħidma lejn reġim regolatorju konsistenti mas-suq u bbażat fuq ir-riskju fl-Ewropa.

Sabiex tiżgura r-rappreżentazzjoni tal-interessi tal-UE u taċ-ċittadini tagħha fil-forums internazzjonali u tappoġġja l-istandards superviżorji komuni lil hinn mis-suq tal-UE, l-EIOPA tinvolvi ruħha mal-korpi internazzjonali u l-pajjiżi terzi. Bħala membru tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni (IAIS), l-EIOPA appoġġjat l-iżvilupp ta' qafas globali għas-superviżjoni tal-assiguraturi globali sistemikament importanti (G-SIIs) u l-gruppi tal-assigurazzjoni internazzjonali attivi kif ukoll l-iżvilupp ta' standard għar-rekwiżiti tal-kapital.

It-titjib tal-kwalità, l-effiċjenza u l-konsistenza tas-superviżjoni tal-assiguraturi tal-UE u l-pensjonijiet tax-xogħol

L-isforzi biex titjeb il-kwalità tal-qafas superviżorju fiż-żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) komplew fl-2013. L-oqsma ewlenin tal-fokus kienu l-kulleġġi tas-superviżuri, il-mudelli interni u l-prattiki superviżorji.

Permezz tal-użu tal-kompetenzi u l-esperjenzi estensivi tiegħu, il-persunal tal-EIOPA pprova appoġġ dirett lill-kulleġġi fil-ħidma tagħhom biex itejbu s-superviżjoni effiċjenti, effettiva u konsistenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji li joperaw b'mod transfruntier. L-implimentazzjoni

u l-monitoraġġ tal-Pjan ta' Azzjoni annwali għall-Kulleġġi kienu qasam ta' ħidma ewleni. Fl-2013, il-fokus kien fuq it-trawwim ta' approċċ konverġenti għall-analiżi tar-riskju u t-titjib tal-fehim u l-għarfien tal-Linji Gwida Preparatorji għas-Solvenza II.

Is-sħubija attiva tal-EIOPA fil-kulleġġi għamlitha possibbli sabiex tippromwovi l-komunikazzjoni, il-kooperazzjoni, il-konsistenza, il-kwalità u l-effiċjenza fil-laqgħat. Fl-2013, l-EIOPA bdiet tipparteċipa fl-eżamijiet konġunti fuq il-post.

It-titjib li jirriżulta mill-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Kulleġġi tal-EIOPA wassal għal aktar konsistenza fost il-Kulleġġi u fl-attivitajiet tagħhom. It-titjib speċifiku inkluda preparazzjoni aħjar għal-laqgħat tal-Kulleġġi permezz ta' aġendi ta' kwalità u dokumentazzjoni ta' appoġġ ippreparata u mibgħuta qabel il-laqgħat. Dan ippermetta titjib fid-diskussjonijiet u t-teħid tad-deċiżjonijiet. Appoġġ ulterjuri mill-EIOPA wasal fil-forma ta' informazzjoni faċilitata u l-kondiviżjoni tal-esperjenzi. Meta l-Kulleġġi ġabru u skambjaw l-informazzjoni b'mod aktar strutturat, dan ħeġġeġ id-diskussjoni dwar ir-riskju u tejjeb il-kwalità tal-analiżi tar-riskju. Id-diskussjoni dwar il-konsegwenzi tal-implimentazzjoni tal-Linji Gwida Preparatorji għas-Solvenza II fil-Kulleġġi nbdiat fl-2013. Din ser tkun prijorità għall-2014 fil-Kulleġġi u għalhekk hija suġġett prominenti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-EIOPA għall-Kulleġġi għall-2014.

Fil-qasam tal-Mudelli Interni, l-EIOPA kompliet tibni ċ-Ċentru tal-Kompetenzi tagħha. Dan iċ-ċentru huwa wieħed mill-ogħla prijoritajiet tal-EIOPA għar-raffurzar u l-iżvilupp, jekk jippermettu r-risorsi. F'termini ta' Prattiki u standards superviżorji, l-EIOPA mexxiet erba' evalwazzjonijiet bejn il-pari, li kkontribwew għall-iżvilupp tal-istandards superviżorji konverġenti. Wieħed minn dawn kien dwar il-Mudelli Interni u enfasizza d-differenzi bejn il-prattiki superviżorji fil-proċess ta' qabel l-applikazzjoni, identifika l-aħjar Prattiki u ddeskriva r-rakkomandazzjonijiet biex titjeb il-konsistenza. L-EIOPA għamlet ukoll żjarat lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs) biex tiffaċilita l-iskambju tal-prattiki. L-EIOPA bdiet taħdem ukoll fuq l-abbużar ta' Manwal Prattiku għas-Superviżjoni li għandu jinkorpora fih il-prattiki superviżorji tajbin.

It-taħriġ huwa għodda essenzjali sabiex tiffaċilita kultura superviżorja komuni. B'ħidma kemm fi ħdan kif ukoll madwar il-fruntieri settorjali, l-EIOPA tat seminars ta' taħriġ lil 876 parteċipant, fejn ġew koperti suġġetti settorjali ddefiniti bħala prijoritajiet mill-NCAs. Dawn inkludew: il-preparazzjoni għas-Solvenza II; is-superviżjoni tal-gruppi u l-iżviluppi fis-suq tal-pensjonijiet Ewropej. Barra minn dawn, 337 parteċipant ieħor attendew korsijiet dwar suġġetti transsettorjali li tmexxew b'mod konġunt mal-ASE l-oħrajn.

L-EIOPA kienet ukoll attiva ħafna fl-2013 fir-rigward tar-responsabbiltà tagħha għall-investigazzjoni ta' ksur potenzjali jew in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE. Fl-2013, l-EIOPA rreġistrat 10 każijiet; sitt talbiet ingħalqu minħabba nuqqas ta' ammissibiltà, peress li l-ilmenti kienu jaqgħu lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-EIOPA jew ma kellhomx bażi, filwaqt li l-erba' każijiet l-oħra għadhom għaddejnin.

L-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, il-mitigazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji u t-theddid għall-istabbiltà finanzjarja tas-setturi tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet tax-xogħol

L-EIOPA kompliet il-monitoraġġ tal-iżvilupp mikro u makroekonomiċi bl-għan li tidentifika xejriet ħżiena, riskji potenzjali u vulnerabbiltajiet għas-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet tax-xogħol fi stadju bikri.

Il-perjodu mtawwal ta' rendiment b'rati baxxi ta' imġax kien qasam ta' fokus li rriżulta fil-pubblikazzjoni tal-Opinjoni tal-EIOPA dwar ir-rispons superviżorju koordinat għal dawn il-kundizzjonijiet. L-EIOPA wettqet ukoll valutazzjonijiet regolari tal-istabbiltà finanzjarja fil-forma ta' Tabelli tar-Riskji trimestrali u Rapportji semiannwali tal-EIOPA dwar l-Istabbiltà Finanzjarja. Fi sforz kontinwu biex titjeb il-bażi li fuqhom issir l-analiżi, l-EIOPA implimentat numru ta' eżamijiet u miżuri ta' titjib f'termini tad-dejta tagħha u qed tagħmel preparazzjonijiet għall-ġbir tad-dejta fl-ambjent tas-Solvenza II.

F'konformità mal-Opinjoni tagħha dwar il-perjodu mtawwal ta' rati baxxi ta' imġax, l-EIOPA qed teżamina l-impatti possibbli fuq l-imġiba tal-investment tal-impriżi u r-riskji possibbli li nħolqu "mit-tfittxija għar-rendiment", flimkien ma' riskji potenzjali oħrajn. Il-kumpaniji wrew tendenza lejn l-investment fi klassijiet ta' assi ġodda sabiex jiksbu r-rendiment, iżda din it-tendenza mhijiex mifruxa. Bl-istess mod, hemm provi li l-kumpaniji qegħdin jimmodifikaw il-prodotti garantiti tagħhom jew joħorġu minn dak is-suq bħala mod kif jillimitaw ir-riskju. Sabiex tinkiseb stampa tajba tal-vulnerabbiltà għar-rendimenti baxxi, ġie deċiż li jiġi inkluż modulu speċifiku fit-test tal-istress tal-EIOPA tal-2014. Riskji oħrajn li għandhom jiġu inklużi fit-test tal-istress jinkludu r-riskji tas-suq u tal-assigurazzjoni.

L-EIOPA kkapitalizzat fuq l-opportunità li għiet ippreżentata miż-żieda fil-fokus fuq ix-xogħol tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) fuq l-assigurazzjoni, u ppreparat numru ta' rapportji dwar ir-riskji tal-assigurazzjoni, kif ukoll ipparteċipat fil-ħidma tal-BERS fuq ir-riskju sovrani u l-istrumenti makroprudenzjali.

Fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet, it-Task Force tal-EIOPA għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet (TFCM) lestiet inventarju tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-awtoritajiet nazzjonali u kkunsidrat l-estensjoni tad-dixiplini tal-ġestjoni tal-kriżijiet għas-settur tal-pensjonijiet tax-xogħol. Dan l-inventarju dwar il-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-awtoritajiet nazzjonali indika li hemm preparazzjoni mifruxa f'termini ta' oqfsa wesgħin, metodoloġiji u setgħat. Madankollu, għad fadal grad ta' eteroġeneità fil-ġurisdizzjonijiet u ambitu għal kooperazzjoni transsettorjali akbar. Ġie żviluppat ukoll Manwal Prattiku għall-Kriżijiet, li jikkonsolida l-proċessi tal-EIOPA relatati mal-kriżijiet u l-proċeduri f'dokument uniku biex jappoġġjaw ir-rwol tal-EIOPA fil-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet.





Organizzazzjoni moderna, kompetenti u professjonali, b'arranġamenti governattivi effettivi, proċessi effiċjenti u reputazzjoni pożittiva

Sabiex tilħaq l-oġġettivi strateġiċi tagħha, huwa importanti li l-EIOPA jkollha l-aħjar persunal appoġġjat minn qafas tal-IT sikur, stabbli u bi prestazzjonijiet tajbin u ambjent ta' xogħol xieraq. Barra minn hekk, huwa importanti li l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-attivitajiet tagħha jitwettqu f'konformità mal-istandards rikonoxxuti.

Matul l-2013, dsatax-il kollega ġdid ingħaqad mal-EIOPA, sabiex it-total tal-persunal laħaq il-110 sal-aħħar tas-sena. Il-ħidma fuq l-infrastruttura tal-IT tal-Awtorità fl-2013 saħħet is-sigurtà u l-affidabbiltà tal-ambjent tal-IT. Sar ukoll xogħol biex jiġu appoġġjati l-NCAs u l-impriżi fl-issodisfar tar-rekwiżiti ta' rappurtar taħt is-Solvenza II permezz tal-iżvilupp tal-ġħodod ta' rappurtar u proċeduri li jiżguraw l-effiċjenza tal-proċess u l-kwalità tad-dejta pprovduta. Dan inkluda l-pubblikazzjoni tal-verżjonijiet aġġornati tal-Formola tal-Punt tad-Dejta u t-tassonomija tal- XBRL għas-Solvenza II. L-involviment tal-EIOPA fl-inizjattiva ta' Identifikazzjoni tal-Entitajiet Legali ġie fformalizzat sabiex itejjeb ir-rwol tal-aġenzija f'dan l-eżerċizzju globali ta' stabbiliment tal-istandards.

L-Awtorità kompliet ittejjeb il-proċessi finanzjarji tagħha u l-applikazzjoni effettiva tagħhom b'riżultati pożittivi f'termini ta' effiċjenza u konformità. Dan wassal għal żmien imnaqqas għall-pagamenti, rati għoljin ta' eżekuzzjoni tal-baġit u l-ġestjoni b'suċċess ta' aktar minn 200 proċedura ta' offerta. Dan huwa parti minn titjib ġenerali fil-qasam tas-servizzi korporattivi. Flimkien mas-simplifikazzjoni tal-proċessi attwali, ġew konklużi l-inizjattivi ta' offerti li kienu miftuħin fl-oqsma tal-forniment tal-ikel u l-ivvjaġġar, b'dan tal-aħħar f'kooperazzjoni mal-ESMA.

Twettaq ukoll xi xogħol fl-2013 biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-iktar servizzi kritiċi tal-EIOPA matul interruzzjoni kbira potenzjali tal-attivitajiet kummerċjali tagħha. Wara eżerċizzju biex jiġu vvalutati r-riskji ewlenin, identifikati l-iktar proċessi kritiċi u stabbiliti l-oġġettivi għar-reintegrazzjoni tagħhom, ġie abbużat sett ta' strateġiji, politiki u proċeduri speċifiċi ta' "Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negożju". Dan ser jiġi skjerat fil-każ ta' interruzzjoni tan-"negożju bħas-soltu" sabiex jitnaqqas l-impatt fuq il-partijiet interessati tal-EIOPA.